Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Avviz Numru: 73/13

**Perit Michael Falzon (ID 680745M) (appellat)**

**vs**

**Vince Farrugia fil-kapacita' tieghu ta' Direttur Generali tal-Kamra Maltija ghan-Negozji z-Zghar u Medji (847544M) u Paul Abela fil-kapacita' tieghu ta' President tal-Kamra Maltija ghan-Negozji Zghar u Medji (94851M) (appellanti)**

Seduta tat-18 ta' April 2017.

Il-konvenuti appellaw minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Frar, 2016 li biha ddikjarat li press release mahruga mill-Kamra Maltija ghan-Negozji Zghar (GRTU) intitolata *GRTU rebuts Claims made by ex-GRTU Officers Mark Saliba & Joe Tabone and ex-Minister Michael Falzon in Court*, hi malafamanti u libelluza fil-konfront tal-attur u kkundannathom sabiex solidalment ihallsu s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bhala danni skont il-Kap. 248. L-appellanti talbu lill-qorti sabiex thassar is-sentenza tal-1 ta' Frar 2016 fl-ismijiet premessi, u minflok:-

(1) tiddikjara illi dak li ntqal fil-*press release* tal-GRTU tas-27 ta' Frar 2014 ma kienx libelluz fil-konfront tal-appellat peress illi kien jikkonsisti f'*fair comment* li l-appellati kienu intitolati li jaghmlu u ghalhekk tichad it-talbiet rikorrenti u/jew
(2) tnaqqas id-danni likwidati mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghal dik is-somma verjuri li tirrispekja ahjar l-ambitu li fih saret il-*press release* mill-appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Permezz ta' twegiba (fol. 12) datata 8 ta' Marzu 2016 l-attur appellat wiegeb illi r-rikors tal-appell ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellanti.

## Fatti fil-qosor.

1. Fis-27 ta' Frar, 2013 l-attur kien xehed f'proceduri kriminali kontra Sandro Chetcuti minhabba incident li nqala' bejn Chetcuti u l-konvenut Farrugia[1].

[1] Il-proceduri kriminali li fihom xehed l-attur appellat kienu quddiem l-Onorabbli Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti,** deciza fit-18 ta' Settembru 2013.

2. Irrizulta illi fl-istess gurnata, u cjoe s-27 ta' Frar 2013 il-GRTU (li taghha l-intimati appellanti kienu d-Direttur Generali u l-President rispettivament) harget *Press Release* fejn *inter alia* gie ddikjarat:

   *"The Director General will take all necessary action in relation to the erroneous and misleading assertions made, possibly constituting perjury, especially regarding the meetings referred to by Perit Michael Falzon that could not have possibly been held as stated by Mr Falzon.....*

   *Other fallacious allegations and insinuations made by Mr Tabone, Mr Saliba and Perit Michael Falzon will be rebutted in Court by virtue of witnesses and documented evidence as being false and fabricated for their ulterior motives"*

3. Jirrizulta li kien il-konvenut Paul Abela li baghat il-press release lil media (ara email a fol. 3 datata 27 ta' Frar, 2013).

4. Fit-13 ta' Marzu, 2013 l-attur ipprezenta din il-kawza. Il-konvenuti ma wiegbux.

**<u>Aggravji.</u>**

L-aggravji huma:

1. Apprezzament hazin ta' fatti.
2. Il-*Press Release* kienet tikkonsisti f'*Fair Comment* fic-Cirkostanzi.
3. Il-Kwantum tad-danni ezorbitanti ma jirrispekkjax l-ambitu li fih saret il-*Press Release* mill-Appellanti

**<u>Apprezzament hazin ta' fatti.</u>**

Il-konvenuti jsostnu li:

> *"11. Illi mill-provi prodotti senjatament mix-xhieda moghtija mill-appellant Vince Farrugia, ghalkemm ikkonferma li seta' kien hemm iktar minn laqgha wahda wara li sehhet l-aggressjoni fuqu minn Sandro Chetcuti, cahad kategorikament li qatt kien mar fuq Chetcuti bl-ebda mod, ahseb u ara li mar jimbuttah b'subghajh f'zaqqu (poking). Hawnhekk l-appellant jigbdu illi dan kien biss detto del detto ossija dak li l-appellat, qallu Sandro Chetcuti u xejn aktar"*.

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti**, l-attur irrakkonta wkoll x'kien gara waqt laqgha li kienet saret mal-Ministru tal-Finanzi u li kien prezenti ghaliha bhala wiehed mill-persuni li waqqfu l-Malta Developers Association:

> *"(....) ahna morna biex naghmlu dan il-meeting. Dahal is-sur Farrugia, ghax is-sur Farrugia dahal tard. Meta dahal mar dritt fuq Sandro Chetcuti u beda jaghmillu hekk, jippowkjah gor-ribs tieghu. Dak il-hin qalbi ghamlet tikk, ghax hsibtu ser jirrejagixxi pero ma irrejagixxiex"*.

Ghalhekk dik il-parti tad-deposizzjoni m'hijiex *hearsay evidence*. Mis-sentenza fl-imsemmija kawza hu evidenti li l-qorti emment lill-attur, tant li qalet:

> *"Illi mix-xhieda tal-perit Michael Falzon jidher illi l-imputat (Sandro Chetcuti) kien gie ipprovokat minn Farrugia f'incident iehor li sehh wara dak meritu ta' dina l-kawza billi dan mar dritt ghal fuqu u beda jimbuttah minn zaqqu b'subghajh, izda l-perit Falzon ighid illi l-mputat ma irreagixxiex ghal dina l-provokazzjoni".*

Inoltre, l-fatt li Farrugia xehed u cahad li qatt sehh tali fatt, m'hijiex prova li probabilment l-attur gideb meta rrakkonta x'ghamel Farrugia waqt il-laqgha. Jekk kien hemm xi hadd li kellu jgib prova li l-attur ma qalx is-sewwa meta xehed bil-gurament, dawn kienu l-konvenuti. Id-deposizzjoni ta' Farrugia m'hijiex prova sufficjenti, iktar u iktar meta kien Farrugia stess li fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2014 xehed:

> *"Qed tigi lili moqrija xhieda li kienet inghatat mill-Perit Michael Falzon f'proceduri kriminali ohra fejn kien qal illi kien ra lili navvicina lil Sandro Chetcuti u nippowkjah b'subghajja gol-kustilji, u* ***jiena nghid illi dwar din il-laqgha jien nixtieq nghid illi ma niftakarx din il-laqgha partikolari****….."*

Imbaghad ix-xhud kompla biex jghid li ma kienx ser jaghmel hekk wara ".... x-xebgha li kien tani Sandro Chetcuti illi jiena bqajt tahtha u kont anke taht effett minhabba fiha certament bl-ebda mod ma kont ser navvicina ruhi lejn dan il-persuna kemm minhabba f'dan l-incident u kemm ukoll minhabba fl-istatura tieghu illi nibza minnu....". Pero' qorti tiddeciedi fuq fatti u mhux fuq l-argumenti li jaghmel xhud waqt id-deposizzjoni.

Il-konvenuti argumentaw ukoll li l-attur hu persuna li tokkupa kariga ta' natura pubblika u dan il-fatt jesponih ghal livell ferm oghla ta' kritika u xandir ta' opinjoni. Kif ser jinghad hawn taht, fil-press release hemm *statement of fact* fir-rigward tal-attur u nies ohra, li ma jikkwalifikawx bhala kritika jew opinjoni.

## <u>Il-*Press Release* kienet tikkonsisti f'*Fair Comment* fic-Cirkostanzi.</u>

Fit-tieni aggravju, l-appellanti jilmentaw illi l-istqarrija (fol 5) mhi, *"… xejn hlief pre-avviz pubbliku li huma kienu disposti li jiehdu l-passi opportuni … ."* F'dan ir-rigward l-appellanti jikkontendu li kien hemm "kunflitt spettakolari" fil-provi prodotti li (fol 5), *"… certament ma jistghux iwasslu ghal gudikant li jkun konvint li dak imxandar f'press release hija malafamanti"*. Da parti tieghu l-appellat ma jaqbel xejn anzi jirrileva illi (fol 18), *"… xejn minn dan ma huwa minnu kif jirrizulta mix-xhieda tal-esponenti, mis-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll mis-senteza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-proceduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti fejn ix-xhieda moghtija mill-esponenti giet emnuta u abbraccjata minghajr l-ebda rizerva."*

Min-naha tieghu l-appellat argumenta (fol 18),

> *"3.5 Inoltre il-fatt li l-'press release' fiha twissija li ser jittiehdu proceduri ghal spergur fil-konfront tal-esponenti ma twassalx ghal success tad-difiza tal-'fair comment'. Anzi ghal kuntrarju: l-esponenti jara illi l-konvenuti appellanti akkuzawh b'fatti serjissimi li jikkostitwixxu reat kriminali, jheddu pubblikament bi proceduri u imbaghad jonqsu ghal kollox milli iniedu tali proceduri. Dan kollu jekk xejn ikompli juri kemm l-istqarrija li ghamlu l-konvenuti appellanti kienet bla bazi;"*

Minn barra dan, l-appellat jirrileva illi l-appellanti ma jistghux jqajmu xi difiza jew eccezzjoni gdida fi stadju ta' appell.

Il-qorti tosserva:

i. Mill-atti ma jirrizultax li quddiem l-ewwel qorti l-konvenuti ressqu difiza tal-*fair comment*. Difiza bhal dik kellha tinghata quddiem l-ewwel qorti u mhux tissemma ghall-ewwel darba fir-rikors tal-appell;

ii. *Fair comment* irid ikun bazat fuq fatt li fis-sustanza tieghu jkun veru. Fil-press release jinghad li l-attur, flimkien ma' tnejn min-nies ohra, qal fatti li huma foloz u fabbrikati. Din hi asserzjoni ta' fatt u mhux kumment. Kienu l-konvenuti li kellhom id-dmir li jressqu provi li dak kien minnu. Il-fatt li Vincent Farrugia xehed u cahad li kien hemm l-inkontru li ssemma mill-attur fid-deposizzjoni li ta fis-27 ta' Frar, 2013 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ma jfissirx li b'daqshekk giddeb lill-attur.

**<u>L-ammont ta' danni likwidat mill-ewwel qorti.</u>**

Fit-tielet aggravju l-appellanti jilmentaw illi l-ammont tad-danni likwidat mill-ewwel Qorti ma jirriflettix l-ambitu li fih saret il-*"press release"*. Isostnu li l-partijiet fil-kawza:

> *"(....) mhux biss kienu jokkupaw il-kariga ta' mexxejja ta' Unions, izda kien ukoll zmien meta l-istqarrija mertu ta' dawn il-proceduri kienet f'nofs issue pubblika ghall-ahhar, mhux biss f'dak li jirrigwarda l-kawza tal-Pulizija kontra Sandro Chetcuti, izda wkoll dwar l-assocjazzjoni l-gdida li kien holoq Sandro Chetcuti (li llum huwa l-President taghha) ossija l-Malta Developers Association, wara li kien tkecca minn membru tal-GRTU dovut unikament ghall-kaz ta' aggressjoni quddiem l-impjegati kollha tal-GRTU fuq l-ex Direttur Generali. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-kuntest ta' fair comment m'ghandux jittiehed individwalment izda ghandu jitqies f'qafas tal-grajjiet kurrenti ta' dak iz-zmien"*.

Il-qorti tosserva li l-fatt li:

i. L-attur seta' kellu kariga fil-Malta Developers Associaton; u

ii. Li l-istqarrija saret fi zmien meta kien ghad hemm il-proceduri kriminali pendenti kontra Chetcuti;

ma kienx jaghti dritt lill-konvenuti li jghidu li jridu dwar l-attur u li s-somma ta' €5,000 hi eccessiva. L-atturi jidher li nsew li fl-istqarrija inghad:

> *"Other fallacious allegations and insinuations made by ..... Perit Michael Falzon will be rebutted in Court by virtue of witnesses and documented evidence, as being false and fabricated for their ulterior motives"*.

Il-messagg li riedu jaghtu kien car, cjoe' li l-attur kien xehed il-falz. Dikjarazzjoni li baqghet ma gietx sostanzjata.

Fic-cirkostanzi, l-argumenti tal-konvenuti ma jikkonvincux lill-qorti sabiex tvarja d-danni li gew likwidati mill-ewwel qorti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.